**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 7** **Nhar it-Tnejn 18 ta ' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

## Preżenti:

- Neville Chetcuti – Sindku
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Martin Vella – Kunsillier
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Tania Borg – Kunsilliera
- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Aaron Caruana – Kunsillier

## Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

- Jessica Borg – Kunsilliera
- Conrad Borg Manche – Kunsillier

## Assenti:

Ħadd

## Uffiċjali Preżenti:

Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Neville Chetcuti, Joyce Bray, Martin Vella, Jessica Borg, Ralph Mangion, Ryan Sciberras, Tania Borg , Aaron Caruana.

---

## 7.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

7.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija u s-Sindku Neville Chetcuti fetaħ bi talba.
7.1.2 Mandy Farrugia, Deputat Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermat ir-riċeviment ta' ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsilliera assenti.

---

## 7.2 Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti

7.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 6 tqassmu u tqiesu bħala moqrija.
7.2.2 Dwar minuta 6.1.1, is-Sindku informa lill-membri dwar xi sfidi relatati mad-dawl tal-Milied. Grazzi għall-isforzi kollettivi, ir-riżultat kien sodisfaċenti. Għas-sena d-dieħla, ser jiġi maħruġ tender għal tliet snin għal kuntrattur affidabbli.

7.2.3 Is-Sindku spjega li din is-sena l-Kunsill ser japplika għal fondi tad-dawl tal-Milied minn żewġ entitajiet: massimu ta' €3,000 mir-Reġjun u €5,000 mill-MTA.

7.2.4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Ralph Mangion, sekondata minn Ryan Sciberras, il-minuti tal-laqgħa numru 6 ġew approvati.

---

## 7.3 Korrespondenza mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku informa li kien hemm risposta dwar il-magni tal-BCRS f'Gerry Zammit Square. Insista fuq żewġ settijiet ta' magni minflok wieħed, imma l-post l-ieħor għadu mingħajr risposta.

7.3.2 Ittra mingħand Mingles Lounges & Bistro qed titlob "no objection" għal mejda u siġġijiet quddiem il-ħanut. Il-Kunsill iddeċieda li joġġezzjona.

7.3.3 Is-Sindku qal li hemm bandla (slide) perikoluża li għandha tinbidel malajr biex tiġi evitata xi ħsara. Il-Kunsill qabel li tinstara bandla ġdida mill-aktar fis possibbli.

7.3.4 PA/00901/23 – Il-Kunsill ser joġġezzjona għal permess biex jinbena blokka ta' 5 appartamenti ta' 2 kmamar, peress li dan ser jelimina spazju miftuħ.

7.3.5 Ġiet approvata l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv għal Mandy Farrugia li tibda mil-4 ta' Jannar. Clerk ġdida tibda wkoll fit-2 ta' Jannar.

7.3.6 Is-Sindku fakkar li ser issir party żgħira tal-Milied għall-ħaddiema u l-kunsilliera nhar il-24 ta' Diċembru.

---

## 7.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

7.4.1 Joyce Bray spjegat li għall-ħarġa tan-Nigret, persuna mir-ristorant qalet li jkun hemm grupp ieħor magħna. Il-Kunsill aċċetta.

7.4.2 Ġie kkonfermat li x-xogħol minn Enemalta fit-toroq Ried, Sliema Rd u Victory St tlesta. Is-Sindku qed jaħdem biex it-toroq kollha fejn sar xogħol jiġu miksija bit-tarmac ġdid.

7.4.3 Infrastructure Malta lestiet it-tarmac ta' Triq ix-Xatt fejn hemm il-bus lane.

7.4.4 Is-Sindku tkellem fuq il-performance appraisal tal-ħaddiema, u ġie miftiehem wara li d-Deputat Segretarju spjegat li kulħadd qed jagħmel xogħlu b'mod effettiv. Barra minn hekk, id-Deputat Segretarju rrimarka li sab l-appoġġ u l-għajnuna meħtieġa minn kulħadd, speċjalment fil-kuntest li l-Kunsill kien qed jiġi mmexxi mid-Deputat u mhux mis-Segretarju.

---

## 7.5 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tal- Kunsilliera Tania Borg, sekondata mil- Vici Sindku Ralph Mangion, ġiet approvata l-iskeda 5/9 bla oġġezzjoni.

---

## 7.6 Tmiem tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 p.m. Is-seduta li jmiss se ssir nhar it-22 ta' Jannar 2025.

IFFIRMATA

IFFIRMATA

Neville Chetcuti

Sindku

Is-Sa. Mandy Farrugia

Segretarju tal-Eżekuttiv